**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**-vs-**

**Brooks (Brooks Espedito) Lia, detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 0168073M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 873/2024*

Illum, 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Brooks (Brooks Espedito) Lia** u ċioè talli:

> **Nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (14:00pm) u l-erbgħa (16.00pm) ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq il-Laċċi, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin**:
>
> 1. Ikkommetta serq ta' flus u diversi oġġetti minn vettura, il-valur ta' liema oġġetti ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa aggravat bil-**valur** u bix-**xorta tal-ħaġa misruqa** għad-detriment ta' Rhoderic Jay Ticawa Arcita u/jew persuni oħra;
>
> 2. Talli fl-istess żmien, lok, data u ċirkostanzi naqas illi jħares xi waħda jew uħud mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet tagħha mogħti nhar is-sitta

u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), li bih tagħtu il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kodiċi Kriminali;

3. Kif ukoll fl-istess żmien, lok, data u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda jew uħud mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello fid-digriet tagħha mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) li bih tagħtu il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kodiċi Kriminali;

4. U talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi. Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, sabiex toħroġ ordni ta' trattament fir-rigward ta' **Brooks (Brooks Espedito) Lia** ai termini ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta'Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' ta' **Rhoderic Jay Ticawa Arcita** u/jew persuni oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tordna l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intjier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu li ġie mogħti lilu permezz tad-digriet mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet tagħha nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u kif ukoll fid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u tordna l-arrest mill-ġdid lil dik il-persuna;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar il-25 ta' Ottubru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-karattru refrattiv tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49, 50, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a), 289, u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah ghal sbatax **(17) il-xahar priġunerija.**

Inoltre ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu li ġie mogħti lilu:

(i). Permezz tad-digriet mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet tagħha nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023);

(ii) Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati Malta preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022),

U tordna r-**riarrrest** tal-imputat fil-proċedimenti li fihom ġew pronunzjati l-imsemmija digrieti dwar ħelsien mill-arrest.

Ġaladarba f' dan il-proċediment ma kien hemm l-ebda espert nominat, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' **Rhoderic Jay Ticawa Arcita** għal zmien sentejn (2) millum.

A tenur tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna li l-imputat jingħata Ordni ta' Trattament għal tlett (3) snin sabiex jegħleb il-problema tad-droga.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello
Onor. Maġistrat Dr. Astrid M. Grima
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali